MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1241/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited**
**ghan-nom u In rapprezentanza tas-sindikati esteri operanti bl-isem Octavian at Lloyds kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Alfred Friggieri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Alfred Friggieri**

**Vs**

**Emanuel Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u disghajn lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm398.51), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Gunju 2001 ghall-habta tad-9.10 p.m. gewwa Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda bejn il-vettura propjeta ta' l-attur Alfred Friggieri (numru

AAJ 552) u l-vettura misjuqa mill-konvenut (numru EBY 494), liema incident sehh unikament tort tal-konvenut.

Ra li l-konvenut ikkontestat r-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. L-incident in kwistjoni sehh fit-30 ta' Gunju 2001 gewwa Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

2. It-Tribunal ghandu biss il-verzjoni moghtija mill-attur. Ghalkemm il-konvenut xehed fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2002, jirrizulta li huwa lanqas biss ma kien jaf li sehh l-incident. Fil-fatt ikonferma li kien wiehed mill-passiggieri li attiralu l-attenzjoni li kien sehh l-incident. Inoltre, iddikjara wkoll li *"jiena ma nafx jekk fil-hin li sehh l-incident kontx qbizt ghal fuq il-lane jew xrift xi ftit ghal fuq il-lane ta' barra, jigifieri dik ta' mas-central strip"*. Irrizulta wkoll li l-konvenut ma waqafx ma' l-impatt (ara skizz tal-pulizija li nvestiga l-kaz u xhieda ta' Jeffrey Friggieri).

3. Wara qies il-verzjoni moghtija mill-attur, it-Tribunal jemmen dak li qal fis-sens li kienet ix-xarabank li f'hin minnhom xirfet ghal fuq il-karreggjata minn fejn kien ghaddej l-attur. Kienet din il-manuvra li fil-fehma tat-Tribunal kienet il-kawza prossima ta' l-incident, u ghalhekk il-konvenut huwa responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza. Li sehh kuntatt bejn iz-zewg vetturi huwa cert, tant hu hekk li l-pulizija li nvestiga l-kaz ikkonstata hsarat kemm fil-vettura misjuqa mill-attur u fix-xarabank misjuq mill-konvenut. Il-fatt li l-hsara fix-xarabank hija deskritta bhala li kienet *"last three right rear panels"* (ara okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz), fil-fehma tat-Tribunal ma xxejjen bl-ebda mod il-verzjoni moghtija mill-attur.

4. Dwar id-danni reklamati ma saret l-ebda kontestazzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u disghajn lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm398.51) bhala danni, in kwantu ghal Lm373.51 hlas lis-socjeta attrici u Lm25 hlas dovut lill-attur, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------